MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 3/2006

**Carmel Schembri**

**vs**

**Enemalta Corporation**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Jannar, 2006, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"<u>Introduzzjoni</u>

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal mill-appellant Carmel Schembri permezz ta' Dikjarazzjoni prezentata fil-5 ta' April 2005 fejn huwa sostna li t-tkeccija tieghu mill-impjieg mal-korporazzjoni intimata ma saritx ghal raguni valida u skond il-ligi. Il-korporazzjoni intimata min-naha l-ohra sostniet li hija kienet itterminat l-impjieg tal-appellant ghal raguni valida u sufficjenti skond il-ligi. It-Tribunal ha

konjizzjoni tad-Dikjarazzjonijiet tal-Kaz prezentati miz-zewg partijet, zamm erba' (4) seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri taghhom.

<u>Fatti tal-Kaz</u>

L-appellant kien gie impjegat mal-korporazzjoni intimata fl-1 ta' Mejju 1987 bhala *labourer.* L-impjieg tieghu gie terminat permezz ta' ittra datata 1 ta' Marzu 2005 (Dok. CS2 annessa mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-appellant) u dan wara li huwa kien gie sospiz permezz ta' ittra datata 24 ta' Jannar 2005 (Dok. CS1 annessa mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-appellant) wara incident li nqala' fil-21 ta' Jannar 2005.

Mix-xhieda tal-Human Resources Manager tal-korporazzjoni intimata jirrizulta li matul l-impjieg tieghu mal-korporazzjoni l-appellant kellu serie interminabbli ta' *charges* minhabba insubbordinazzjoni lejn is-superjuri tieghu, incidenti ta' vjolenza u aggresivita' u incidenti ta' assentejizmu minn fuq il-post tax-xoghol. F'dan ir-rigward qed issir referenza ghall-affidavit ta' Antoine Busuttil fejn hemm elenku dettaljat u ezawrjenti tal-incidenti li taw lok ghall-hrug tal-imsemmija *charges* u tal-mizuri dixxiplinarji li ttiehdu fil-kofronti tal-appellant bhala konsegwenza tal-hrug ta' dawn ic-charges. Mill-provi rrizulta li l-appellant kien sospiz f'aktar minn okkazzjoni wahda minhabba il-komportament tieghu fuq il-post tax-xoghol. L-appellant ma ressaq ebda prova intiza sabiex tikkontradici dawn il-provi mressqa mill-korporazzjoni intimata.

Mill-provi rrizulta wkoll li fl-24 ta' Marzu 2003 l-appellant iffirma dikjarazzjoni (Dok. 18 annessa mal-affidavit ta' Antoine Busuttil), fejn wara li rrefera ghal incident li sehh fl-24 ta' Frar 2003, huwa accetta li jirritorna fuq il-post tax-xoghol minghajr ma jikkawza inkwiet u minghajr ma jhedded lil hadd. Fl-imsemmija dikjarazzjoni huwa qal ukoll is-segwenti:-*"Jiena nizgura li l-imgieba tieghi tkun korretta kemm lejn is-superjuri tieghi kif ukoll lejn il-kollegi tieghi.*

*Jekk ma nirrispettax dawn il-kundizzjonijiet ghandi nifhem lill-korporazzjoni ma jkollhiex alternattiva ohra hlief li tittermina l-impjieg tieghi".*

Nghaddu issa ghall-incident li ta lok ghat-terminazzjoni tal-impjieg. Dan l-incident sehh fil-21 ta' Jannar 2005. Mill-provi prodotti mill-korporazzjoni intimata jirrizulta li l-appellant flimkien ma' zewg impjegati ohra telaq minn fuq il-post tax-xoghol ghal habta tal-10.30am u dan minghajr ebda awtorizzazzjoni mis-superjuri tieghu, mar f'post tax-xorb fejn xorob l-inbid u mbaghad irritoma fuq il-post tax-xoghol ghal habta tas-2.30pm, it-3.00pm. Meta fil-5.30pm huwa gie mitlub imur id-dar mis-superjur dirett tieghu, Charlie Gauci, wara li dan tal-ahhar kien sema' lill-appellant jghajjat u jaghmel l-istorbju, huwa hebb ghall-istess Gauci, beda jghajjat u jidghi u rrifjuta li jobdi l-ordni lilu moghti. Wara li nqalghet kommozzjoni kbira l-appellant, li kellu jigi mzimum minn xi impjegati ohra sabiex ma jkomplix ihebb ghal Gauci, telaq minn fuq il-post tax-xoghol skortat minn zewg *security guards.*

Fl-24 ta Jannar 2005 (dok. 19 anness mal-affidavit ta' Antoine Busuttil) l-appellant gie nfurmat *mill-istation manager* tal-Marsa (Edwin Gauci, li kien hemm il-hsieb li jittiehdu proceduri dixxiplinarji fil-konfronti tieghu in kwantu jirrigwarda dan l-incident tal-21 ta' Jannar 2005. Permezz ta' ittra datata 25 ta' Jannar 2005 l-istess Edwin Gauci informa lill-appellant li in vista tal-fatt li huwa kien ikommetta offiza ta' natura serja din kienet ser tigi trattata mill-Kumitat ta' Dixxiplina skond l-Artikolu 5 tal-Kodici ta' Dixxiplina. Kif diga' inghad aktar il-fuq fl-24 ta' Jannar 2005 l-appellant gie infurmat ukoll li kien qed jigi sospiz mill-impjieg u fl-1 ta' Marzu 2005 huwa gie infurmat li l-Bord tad-Diretturi tal-korporazzjoni intimata, wara li ra d-dikjarazzjoni minnu ffirmata fl-24 ta' Marzu 2003 u wara li kkunsidra l-lista twila ta' kondotta u mgieba hazina li l-appellant kellu fuq il-post tax-xoghol, kien iddecieda li jittermina l-impjieg tal-appellant minn mal-korporazzjoni intimata.

Dwar l-incident li nqala' fil-21 ta' Jannar 2005 jinghad li l-korporazzjoni intimata rnexxielha tipprova b'mod

ezawrjenti li kien hemm agir aggressiv, dagha u insubbordinazzjoni da parti tal-intimat lejn is-superjuri tieghu kif ukoll li huwa assenta ruhu minn fuq il-post tax-xoghol minghajr ebda awtorizzazzjoni. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellant f'dan ir-rigward hija ghal kollox inaccettabbli u mhux kredibbli u inoltre ma giet korroborata minn ebda prova ohra. Min-naha l-ohra il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Charlie Gauci, is-superjur dirett tal-appellant, giet korroborata minn diversi xhieda ohra (vide affidavits ta' Philip Muscat, Spiru Grima, Paul Caruana, Raymond Cauchi, Rita Manicaro, Anthony Ambinett, Joseph Cutajar ecc.)

L-appellant jikkontendi li l-korporazzjoni intimata ma segwitx il-proceduri stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodici ta' Dixxiplina formanti parti mill-Ftehim Kollettiv milhuq mal-General Workers Union u ma rreferitx il-kaz tieghu lill Bord tad-Dixxiplina qabel ma hadet id-decizjoni li tittermina l-impjieg tieghu u f'dan ir-rigward huwa ghamel referenza ghall-ittra mibghuta lilu fil-25 ta' Jannar 2005 minn Edwin Gauci fejn huwa kien gie nfurmat li l-kaz tieghu kien ser jigi riferit lill-Bord tad-Dixxiplina.

Mill-provi rrizulta li ghal perijodu ta' madwar sena minn Dicembru 2004 il-quddiem, ma kienx hemm Bord ta' Dixxiplina kostitwit u dan peress li l-General Workers Union ma kienitx qed taqbel mal-individwi li kienu qed jigu proposti mill-korporazzjoni intimata sabiex jokkupaw il-kariga ta Chairman tal-imsemmi Board ta' Dixxiplina. Jidher ghalhekk li la fiz-zmien li sehh l-incident tal-21 ta' Jannar 2005 u l-anqas fiz-zmien li gie tterminat l-impjieg tal-appellant ma kienx hemm Bord ta' Dixxiplina kostitwit. It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li 1-korporazzjoni intimata ma setghatx issegwi dak li jipprovdi l-Artikolu 5 tal-Kodici ta' Dixxiplina ghaliex kienet impossibilitata milli taghmel dan peress li ma kienx hemm Bord ta' Dixxiplina li quddiemu seta' jigi riferit il-kaz tal-appellant. Hija ghalhekk ma tistax titqies li naqset minn xi obbligu assunt minnha permezz tal-Ftehim Kollettiv ghaliex una volta li ma kienx hemm Bord ta' Dixxiplina kostitwit il-kaz tal-appellant ma setax jigi riferit quddiem Bord li ma jezistix.

Inoltre it-Tribunal huwa tal-fehma li l-korporazzjoni intimata ma kellha ebda obbligu li tistenna ghal zmien indeterminat li sakemm ikun hemm qbil dwar in-nomina ta’ Chairman u jigi kostitwit il-Board ta’ Dixxiplina sabiex tirreferi l-kaz tal-appellant quddiemu. Irid jigi rilevat li l-fatt li ma kienx kostitwit Bord ta’ Dixxiplina ma kien dovut ghall-ebda nuqqas da parti tal-korporazzjoni intimata. Id-dikjarazzjoni maghmula mill-appellant stess fl-24 ta’ Marzu 2003 u l-lista interminabbli ta’ kondotta u mgieba hazina da parti tal-appellant jiggustifikaw id-decizjoni mehuda mill-korporazzjoni intimata li tittermina l-impjieg tal-appellant minghjar ma tistenna li eventwalment jigi kostitwit Bord ta’ Dixxiplina. Il-fatt li l-korporazzjoni ghazlet li taghmel dan ma mpjegati ohra huwa ghal kollox irrilevanti ghaliex jista’ jkun il-kaz li dawn l-impjegati ma kienux ghamlu id-dikjarazzjoni maghmula mill-appellant u ma kellhomx l-istorja ta’ kondotta li kellu dan tal-ahhar.

It-Tribunal jidhirlu li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant saret ghal raguni gjusta u sufficjenti u skond il-ligi u li ma kien hemm l-ebda ksur tal-Ftehim Kollettiv da parti tal-korporazzjoni intimata fil-mod li fih gie terminat l-impjieg tal-appellant.

<u>Decizjoni</u>

Ghar-ragunijet hawn fuq premessi t-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant da parti tal-korporazzjoni intimata saret ghal raguni gjusta u skond il-ligi.

Ghall-iskopijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta’ min assista lill-partijet fl-ammont ta’ Lm40.00 kull wiehed.”

Ir-rikorrenti Carmelo Schembri hassu aggravat b’ din is-sentenza u talab ir-revoka taghha. Il-kontenzjoni principali tieghu hi dik li t-Tribunal Industrijali ghamel affermazzjoni erroneja meta tenna li l-Korporazzjoni kienet gustifikata li ma rreferietx il-kaz ta’ dixxiplina fil-konfront tieghu lil Bord intern, dwar liema jipprovdi l-Ftehim Kollettiv, u ghaddiet

ghall-ordni ta' tkeccija mill-impjieg. Sussidjarjament, huwa ssottometta wkoll illi nghata trattament differenzjali minn dak ta' impjegati ohra ko-involti fl-istess incident u dan, skond l-appellanti, jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra tieghu;

Apparti konsiderazzjonijiet fil-mertu, minn naha taghha l-Korporazzjoni appellata wiegbet billi *in primis* issollevat il-pregudizzjali ta' l-inappellabilita` tas-sentenza. Dan ghall-motiv li, fil-fehma taghha, l-appell interpost ma kienx jikkontjeni ebda punt ta' ligi imma merament kontestazzjoni tal-fatti kif apprezzati mit-Tribunal adit;

Hemm qbil bejn il-kontendenti illi l-impjieg ta' l-appellanti mal-Korporazzjoni kien regolat minn Ftehim Kollettiv. Hemm qbil ukoll illi dan il-ftehim kien jahseb permezz ta' kodici ta' dixxiplina dwar ir-regolamentazzjoni tal-poter dixxiplinarju u tal-procedura li trid tigi osservata fl-ezercizzju ta' dan l-istess poter. Mhux kontestat lanqas illi f' dan il-kaz il-Kumitat ta' Dixxiplina ma giex kostitwit minhabba divergenzi bejn il-Korporazzjoni u l-Union rapprezentattiva tal-haddiema dwar in-nomina tac-Chairman ta' dan il-Kumitat. Hekk ukoll jidher li hu pacifiku illi wara perijodu ta' sospensjoni l-appellanti gie mill-Korporazzjoni, fuq il-fatt addebitat lilu, kompriz incidenti anterjuri ghalih, imkecci mill-post tax-xoghol;

Premessi dawn il-fatti, hu provvediment car tal-ligi, ex-Artikolu 82 (3) ta' l-Att XXII ta' l-2002 illi appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali hu konsentit, fil-kaz ta' tkeccija minghajr gusta kawza, fuq "punt ta' ligi". Ta' min ifakkar, pero`, li tali punt ta' ligi ma hemmx ghalfejn ikun gie espressament definit bis-sentenza appellata in kwantu, kif jinsab akkolt, huwa sufficjenti li l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew implicitu fid-decizjoni gjaladarba din tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellant jikkontesta. Ara decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Mejju 1956 in re "**Grazio Muscat -vs- Wilfred Podesta *nomine***";

Issa l-kwestjoni ta' dritt li tista' tohrog *ex groemio* tas-sentenza appellata u ta' l-appell interpost hi dik li ggib in riljev rivalutazzjoni ta' certi drittijiet fondamentali tal-haddiem fir-rigward ta' sanzjonijiet dixxiplinarji fil-konfront tieghu. Effettivament, il-pretensjoni ta' l-appellanti tikkonsisti fl-affermazzjoni tieghu illi t-Tribunal Industrijali naqas milli jiehu konjizzjoni kif jixraq tal-fatt illi l-procedura adottata mill-Korporazzjoni ma kienetx konformi ghal dik stabbilita fi klawsola 5 tal-Kodici ta' Dixxiplina. Mill-atti quddiem it-Tribunal jirrizulta li tali pretensjoni kienet tifforma parti integrali mir-ragunijiet avvanzati minnu fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz fil-kontestazzjoni tat-tkeccija. Anke minn dan jidher li l-punt legali li fuqu sar l-appell jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-ftehim kollettiv, senjatament il-procedura li kellha tigi applikata minn min ihaddem ghall-materja ko-involgenti mizuri dixxiplinarji. In kwantu tali, fil-hsieb tal-Qorti, kwestjoni bhal din tirrendi s-sentenza appellabbli quddiem din il-Qorti. Ghaldaqstant, l-eccezzjoni ta' l-inappellabilita` opposta mill-Korporazzjoni appellata ma tistax tigi milqugha u qeghda effettivament tigi respinta;

"<u>Ftehim Kollettiv</u>" hu definit mill-Artikolu 2 tal-Kapitolu 452 bhala "ftehim maghmul bejn principal jew organizzazzjoni wahda jew aktar ta' principali, u organizzazzjoni wahda jew aktar ta' mpjegati li ghandu x' jaqsam mal-kondizzjonijiet ta' l-impjieg skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi li tkun fis-sehh f' Malta". Fil-prattika ftehim konsimili jikkontjeni disposizzjonijiet normattivi li jiddeterminaw ir-regolamentazzjoni u t-trattament tal-kundizzjonijiet tax-xoghol, kif ukoll klawsoli obbligatorji tendenti ghar-rizoluzzjoni ta' konflitti ta' interessi. Jahseb ukoll ghall-makkinarju uniformi ta' dixxiplina ghall-impjegati fl-organizzazzjoni korporativa jew azjendali;

Naturalment, in kwantu ftehim bhal dan ghandu l-ingredjenti kollha ta' kuntratt, ghall-interpretazzjoni tieghu huma normalment adoperati l-kanoni legali maghrufa ta' l-

ermenewtika kontrattwali kif traccjati fid-dritt komuni. Logikament, l-intenzjoni komuni tal-kontraenti li fassluh u ssottoskrivew ghalih trid tigi dezunta mhux biss u limitatament mill-elementi letterali tal-kliem imma b' estensjoni wkoll ta' l-interpretazzjoni razzjonali;

Ipprecizat dan kollu b' introduzzjoni ghat-tematika hawn investigata, il-vertenza centrali f' dan il-kaz tirrivolvi dwar il-punt jekk il-Korporazzjoni setghetx *sua sponte* tadotta mizura dixxiplinarja minghajr ma tkun preventivament u skond l-istatut kodicistiku ezawrit il-procediment ta' dixxiplina, mahsub u maqbul bejn il-kontraenti fl-ambitu tal-ftehim kollettiv. Ma jista' qatt ikun dubitat illi r-raguni komuni ghall-holqien ta' Kumitat ta' Dixxiplina kien dak li jigi attribwit lil dan l-organu l-funzjoni istruttorja tal-procediment ta' dixxiplina, l-akkwizizzjoni u l-valutazzjoni tal-provi, u *in finis*, biex dan jissuggerixxi lill-Korporazzjoni proposti ta' sanzjonijiet dixxiplinarji, skond il-kaz;

Il-kwestjoni hawn prospettata certament tqieghed quddiem il-Qorti problema ta' adempjenza kontrattwali skond il-principji generali tad-dritt; essenzjalment, il-kompiment u l-harsien tal-pattijiet akkordati, fir-rigur ta' dik il-bwona fede, sostrat baziku tal-kuntratti, u l-attwazzjoni tad-diligenza, barometru dan indispensabbli fil-konsegwiment tar-rizultat mixtieq;

Minn dan jitnissel li l-partijiet kontraenti huma mistennija li jirrispettaw il-kontrattazzjonijiet ta' bejniethom, hekk vinkolanti fuqhom, u jevitaw milli, b' xi mod, b' att unilaterali jfixxklu sensibilment l-ekwilibriju kontrattwali. Dan, wara kollox, kien, indubbjament, l-intendiment komuni tal-partijiet kontraenti li rredigew u ffirmaw il-ftehim kollettiv *de quo*. S' intendi hawn tqum l-objezzjoni dwar jekk l-Korporazzjoni appellata kellhiex toqghod tikkontempla s-sitwazzjoni *sub specie acternitatis* u thalli l-qaghda indefinittivament fi stat ta' stallija ghaliex ma jkunx intlahaq qbil amikevoli dwar il-hatra ta' Chairman li kellu jippresjedi l-Kumitat ta' Dixxiplina;

Issa huwa veru li l-istatut kodicistiku ta' dixxiplina f' dan il-kaz ma jipprovdix ghal dak li ghandu jsegwi in mankanza ta' qbil. Jekk dan huwa hekk il-kaz, tinsorgi l-mistoqsija jekk setghetx imbaghad il-Korporazzjoni, ghal dik ir-raguni, tindetreggja lura mill-komunika inizzjali ta' l-intenzjoni taghha li tirreferi l-kaz ta' l-appellant lill-Kumitat ta' Dixxiplina (ara ittra taghha tal-25 ta' Jannar 2005, fol. 63), u hi stess tghaddi biex tipprovdi ghas-sanzjoni dixxiplinarja ta' tkeccija. Fi kliem iehor, setghetx *marte proprio* tissorvola l-mekkanizmu tad-dixxiplina mahsub skond il-ftehim kollettiv u tidderoga minnu *in peius* ghall-impjegat taghha.

Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti r-risposta ghal din id-domanda ghandha tkun fin-negattiv. Il-Korporazzjoni appellata ma jista' jkollha ebda soljev sempliciment billi tinvoka favur l-operat taghha n-nuqqas ta' ko-operazzjoni mill-Union dwar in-nomina tac-Chairman. Hi kellha invece, fil-lakuna ta' disposizzjoni espressa fl-istatut ta' dixxiplina tirrikorri lill-organu gudizzjarju kompetenti biex dan jikkolma dik il-lakuna u jarbitra fuq id-divergenza insorta bejn il-partijiet. Dejjem fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti ma jidherx illi l-poter dixxiplinarju, kif regolat fil-ftehim kollettiv, jista' jitqies li gie verament attwat, skond il-principju tal-legalita` u tal-kuntratt, jekk ma jkunx gie investit kif imiss. Jekk din is-sitwazzjoni tithalla titrasmoda ruhha ghall-volonta` unilaterali, il-Qorti tkun komplici li qed tippremja lill-arbitriju u taghti brevett ta' immunita` ghal kull inadempjenza tal-ftehim. Dan, ghal din il-Qorti, la hu permissibbli li jsir u lanqas ma hu gusitifikat;

Tezisti certament raguni generali ta' bwona fede u ta' korrettezza li l-kontestazzjoni bejn min ihaddem u l-impjegat tigi mistharrga mill-Kumitat dixxiplinarju u skond il-mekkanizmu lilu garantit mill-ftehim. Innegabilment, ir-*ratio* wara l-inseriment fil-ftehim kollettiv tal-procediment ta' dixxiplina kien objettivament dak li jqieghed fl-interess tal-haddiem inkolpat limiti precizi fuq id-diskrezzjonalita`

ta’ min ihaddem fl-ezercizzju tal-poter dixxiplinarju tieghu. Dan, fil-kaz prezenti, ma jidherx li gie hekk imhares;

Issa hu minnu li jista’ jaghti l-kaz li fuq il-bazi tar-rizultanzi probatorji l-Kumitat ta’ Dixxiplina, kieku mwaqqaf, kien forsi jasal ghall-istess konkluzjoni li waslet fiha l-Korporazzjoni appellata, ulterjorment kondiviza mit-Tribunal. Dan pero` hu immaterjali ghas-sitwazzjoni prospettata fl-ilment ta’ l-appellanti ghax il-fatt jibqa’ li fir-realta` hu ma nghatax il-possibilita` tar-rimedju statutorju li l-kaz tieghu jigi investigat u epurat minn kumitat *ad hoc*. Fil-fehma tal-Qorti dan jikkostitwixxi “*unfairness*” ma’ l-appellant li ma jistax jigi injorat. L-ebda raguni jew skuzanti ma kellha taggira l-ftehim u l-makkinarju procedurali fih kontemplat, hekk rizervat lill-impjegat ghall-istharrig ta’ l-addebitu mill-principal fil-konfront tieghu;

Inkwadrata taht dan il-profil ta’ hsieb, din il-Qorti ma tistax allura leggerment taccetta bhala motivazzjoni kongruwa l-affermazzjoni tat-Tribunal illi l-Korporazzjoni appellata fic-cirkostanza konfrontata biha kienet hekk mehlusa mill-obbligu assunt minnha permezz tal-ftehim kollettiv;

Raggunta din il-konkluzjoni, il-Qorti ma tarax il-htiega li tissofferma ruhha fuq il-konsiderazzjoni li tohrog mit-tieni aggravju. Hu l-kaz pero` li taghmilha cara illi b’ dak li nghad superjorment ma ghandux remotament ifisser illi l-appellanti hu b’ daqshekk eskulpat minn kull htija. Ifisser biss li l-appellant ghandu jitqieghed fl-istat *ante quo* id-decizjoni tal-Korporazzjoni li illicenzjatu u jigi sottomess ghall-procediment provvist mill-ftehim kollettiv skond id-direttiva ta’ gwida aktar ‘il fuq accennata. Wara kollox f’ kaz ta’ decizjoni avversa ghalih hu dejjem jibqalu d-dritt kostituzzjonali ta’ revizjoni minn Tribunal indipendenti. Dan skond il-fehma espressa mill-Qorti Kostituzzjonali in re “**Constantino Consiglio *et* -vs- Kavalier Joseph N. Tabone *nomine***”, u “**Marthese Azzopardi -vs- Maltacom plc**”, it-tnejn decizi fil-11 ta’ Awissu 2000.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju devolut lilha fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Fic-cirkostanzi huwa xieraq, minhabba n-novita tal-kaz, li l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------